**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 626/2021**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Ryan Vella)**

**-Vs-**

**DAMIEN ATTARD**

**Illum, 28 ta' Frar 2024.**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **DAMIEN ATTARD** ta' 21 sena, bin Jonathan u Jenny xebba Taliana, mwieled nhar il-21 ta' Ġunju 1999, ġewwa Pieta' u residenti fil-fond 'Bugibba Hotel' Room A302, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 204299M li ġie akkużat talli:-

Nhar il-05 ta' Diċembru 2020 u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-fond 'Marvina Hotel' App 401, Triq il-Fliegu, San Pawl u 'Bugibba Hotel', Room A302, Triq it-Turisti, San Pawl

il-Bahar;

1. Ġiegħel iż-żewgt'iklieb bin-numri taċ-ċippa 9410000025111370 u 941000025111363 jsofru minn uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn hekk skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir- regolamenti tal-ħarsien ta' l-annimali **Artikoli 8 (2)(3)(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta**

U aktar talli nhar il-05 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta ta' 12:00hr u fil-ħinijiet ta' wara ġewwa l-fond Bugibba Hotel, Room A302, Triq it- Turisti, San Pawl il-Baħar;

2. Nqast milli jikkopera mal-uffiċjali tad-Direttorat tat-trattament xieraq ta' l-annimali. **Artikolu 44B (6) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta**

3. Ukoll talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi imsemmija qabel, ikkommettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza deċiża nhar it-3 ta' Diċembru 2018 mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija l-imputat jkun projbit milli jkollu kelb jew milli japplika għal xi liċenzja oħra ta' kelb, għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u dan ai termini tal-artikolu 5(9) ta' L.S. 437.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'kaz ta' ħtija tikkonsidra lil Damien Attard bħala reċidiv b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li m'hux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali biex dan il-każ jinstema' bil-proċedura sommarja għall-fini tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fl-14 ta' Frar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 8 tal-Kap. 439 tikkonċerna r-riżultanzi ta' diversi spezzjonijiet li saru mill-Pulizija f'żewġ postijiet li fihom l-imputat kien qed iżomm żewġt iklieb fi żminijiet differenti. Wieħed mill-klieb huwa pointer cross maskili bin-numru tal-microchip 941000025111370, u l-ieħor pitbull cross femminili bin-numru tal-microchip 941000025111363.

Mill-provi u mis-smigħ tax-xhieda jirriżulta illi:-

**Fil-11 ta' Awwissu 2020** Elaine Camilleri u Robert Gauci, uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali ispezzjonaw l-appartament bin-numru A 401 ġewwa Mavina Hotel, li tinsab fi Triq il-Fliegu, Qawra San Pawl il-Baħar fil-presenza tal-imputat Damian Attard. Mix-xhieda jirriżulta illi kienu sabu żewġt iklieb li kienu fil-gallarija tal-appartament fejn fil-gallarija kien hemm il-ħmieġ tal-ġurnata iżda l-klieb kellhom id-dell kif ukoll ilma għax-xorb. L-imputat ġie mwissi biex iżomm nadif l-akkwati fejn jinżammu l-klieb anke għaliex l-ispezzjoni ġiet ordnata minħabba rapport li kien sar dwar il-ħmieġ tal-klieb fil-gallarija.

**Fis-7 ta' Settembru 2020** għall-ħabta tat-8.30 a.m. PS2223 Charlene Calleja marret tispezzjona l-kamra A 401 ġewwa Mavina Hotel[1] fuq rapport anonimu li kien hemm żewġt iklieb imsakkrin barra fit-terrazzin. Hemmhekk sabet lill-imputat u sabet ukoll żewġt iklieb fit-terrazzin mikxuf, fejn innotat li filwaqt li l-klieb kellhom ilma, t-terrazzin kien mimli ħmieġ tal-klieb.

**Fid-29 ta' Settembru 2020** għall-ħabta tat-8.30 p.m Gerald Ebejer u Elaine Camilleri wettqu spezzjoni oħra fl-istess appartament ġewwa Malvina Hotel fuq ordni ta' Dr. Luke Vella, minħabba li kienu daħlu iktar rapporti. Mix-xhieda jirriżulta illi l-istess żewġt iklieb instabu ġewwa u kellhom ikel u ilma, iżda kien hemm riħa qawwija ta' awrina u ħmieġ tal-klieb fl-appartament u fil-gallarija nstab barmil bl-ilma maħmuġ u bil-ħmieġ tal-klieb. Għalkemm il-pointer kien jidher irqaq mill-aħħar spezzjoni, ma kienx hemm sinjali viżibbli ta' mard jew maltrattament. L-imputat reġa' ġie mwissi mill-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali biex iżomm l-indafa peress li kienu baqgħu deħlin ir-rapporti minħabba l-irwejjaħ.

Josephine Vassallo u Mario Vassallo, li joqgħodu fi Triq Port ir-Ruman, faċċata tal-lukanda Mavina Hotel, il-Qawra, xehdu illi kienu għamlu diversi rapporti mal-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali fuq perijodu ta' ċirka ħames xhur fis-sena

[1] Għalkemm fit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni hemm imniżżel 'Marina Hotel', għall-Qorti dan huwa biss żball tipografiku għaliex PS 2223 Charlene Calleja kkonfermat fix-xhieda tagħha illi daħħlet ir-rapport tal-okkorrenza Dok. CC1 fejn hemm riferenza għal 'Mavina Hotel' fl-istess triq u lokalita' imsemmija fix-xhieda tagħha.

2020 għaliex kull darba li kienu joħorġu barra fil-gallarija tal-appartament tagħhom, kienu jaraw żewġt iklieb kienu qegħdin ġo gallarija tal-lukanda ta' faċċata, dejjem waħedhom lejl u nhar, sajf u xitwa u anke filgħodu fix-xemx tiżreġ.  Għalkemm il-bieb tal-gallarija kien ikun imbexxaq, il-klieb ma kienux jistgħu jidħlu ġewwa.  Iż-żewġ xiehda għarfu lill-imputat bħala persuna li tixbaħ lil min kienu jaraw jitma' kif ukoll ġieli jsawwat il-klieb fil-gallarija.

**Fil-5 ta' Diċembru 2020**, wara li kienu saru diversi rapporti dwar irwejjaħ, saret spezzjoni oħra mill-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali Elaine Camilleri u Gerald Ebejer, għall-ħabta tad-9.30 a.m. ġewwa appartament f'Bugibba Hotel li tinsab fi Triq it-Turisti, Qawra.  Hemmhekk jirriżulta mix-xhieda illi kien hemm l-imputat preżenti u l-klieb kienu magħluqin ġo kamra tal-banju u nstabu ġewwa l-vaska tal-banju.  Kien hemm ħmieġ tal-klieb u awrina fl-art, barmil maħmuġ u l-klieb kienu qegħdin jixorbu l-ilma tat-toilet, għalkemm il-kundizzjoni fiżika tal-annimali ma kienetx waħda ħażina u jirriżulta wkoll li kien hemm provvista tal-ikel tal-klieb fl-appartament.

Dan ġie affermat ulterjorment minn PS 1462 Joseph Attard u PC 187 Luke Cilia li kienu marru fuq il-post dakinhar biex jassistu lill-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali, fejn raw li l-klieb kienu qed jinżammu ġewwa l-kamra tal-banju li kienet mimlija ħmieġ tal-klieb u raw lil wieħed mill-kelb jixrob mill-ilma tat-toilet[2].

Fir-rapport redatt u ippreżentat minn Gerald Ebejer, Dok. GE1, saru is-segwenti kostatazzjonijiet mill-ispezzjoni :-

- *The two dogs in the bathtub*
- *The floor full of urine and a large piece of excrement*
- *A bucket full of very dirty water*
- *A very unbearable foul smell*
- *No ventilation*

---

[2] Xhieda ta' PS 1462 Joseph Attard.

- *It was clear enough that the dogs had stamped on their same stool because footprints were seen on the excrement.  Their paws also has some residue stuck on them*
- *No food or water was available.*

Dawn il-kostatazzjonijiet jinsabu sostanzjati minn sett ta' ritratti li huma annessi mar-rapport u li juru l-klieb fil-banju, il-ħmieġ u awrina fl-art u l-klieb jirfsu f'dan il-ħmieġ bil-barmil[3].

Jirriżulta wkoll illi matul din l-ispezzjoni ngħatat ordni minn Dr. Luke Vella Verzin biex iż-żewġt iklieb jiġu konfiskati.  Mix-xhieda l-Qorti fehmet illi l-imputat ma riedx jikko-opera mal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali u lanqas mal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu akkumpanjawhom fuq il-post biex jassistuhom[4] u għalkemm ingħata ordni biex jagħtihom il-klieb, huwa rrifjuta li jagħmel dan.  Għall-bidu, l-imputat sakkar il-klieb fil-kamra tal-banju u mbagħad, wara diversi tentattivi aċċetta li jagħtihom il-kelb tar-razza pointer cross iżda mhux il-pitbull, u din tal-aħħar żammha miegħu.  Meta eventwalment wara li għadda ħafna ħin l-imputat aċċetta li jniżżel il-kelba tar-razza pitbull mill-appartament huwa stess biex idaħħalha fil-vann tal-uffiċjali għat-trattrament xieraq tal-anninali, fejn kien diġa' daħal il-kelb l-ieħor, huwa qabad id-direzzjoni opposta tal-vann u baqa' sejjer.  Hemmhekk PC 187 Luke Cilia u l-Ispettur Keith Scerri marru warajh, ħadulu ċ-ċinga minn idu u għaddew l-kelba lill-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali u daħħluha fil-vann.

**L-imputat, Damien Attard**, ma xehedx quddiem il-Qorti iżda kien irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fit-28 ta' Marzu 2021, wara li kien ingħata twissija dwar id-drittijiet legali kollha tiegħu.  F'din l-istqarrija, l-imputat, hemmhekk suspettat, ikkonferma illi fil-perijodu in diżamina huwa kien joqgħod fil-Mavina Hotel u qabel, fil-Bugibba Hotel u li kellu żewġt iklieb, wieħed tar-razza German Pointer u

---

[3] Ara paġna 60 sa paġna 67 tal-atti tal-kawża.

[4] L-Ispettur Keith Scerri u PC 187 Luke Cilia.

kelba tar-razza pitbull, liema klieb kienu ilhom għandu sena u nofs. Ikkonferma wkoll li dawn il-klieb kellhom l-istess numru tal-microchip bħall-klieb li kienu nstabu mill-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali fl-ispezzjonijiet li wettqu fiż-żewġ postijiet fuq imsemmija u li ġew ikkonfiskati mill-pussess tiegħu. Għalkemm stqarr li tassew kien ġie mwissi mill-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali biex joqgħod iktar attent fejn jidħol il-kundizzjonijiet li fihom kien qed izomm il-klieb tiegħu, l-imputat insista illi kien iħalli l-bieb tal-gallarija miftuħ biex meta jkun xogħol jistgħu joħorġu ‘l barra, u li l-klieb kien jitmagħhom regolari, iżommhom sew, jieħu ħsiebhom, joħroġhom kuljum u jittrattahom bħala familja. Ċaħad li qatt sakkar il-klieb barra fil-gallarija u qal ukoll li jrid l-klieb jixtieqhom lura. Fisser ukoll li huwa ma kienx ikko-opera mal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali u l-uffiċjali tal-Pulizija meta pprovaw jeħdulu l-klieb għaliex il-klieb kienu parti mill-familja tiegħu u ma kienx faċli għalih jarahom jittieħdu mingħandu.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt is-subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali ċioe’ li ġiegħel żewġt iklieb bin-numru taċ-ċippa 941000025111370 u 941000025111363 isofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn. Dan huwa r-reat ta’ moħqrija tal-annimali.

Il-moħqrija, fir-rigward ta’ annimal, hija definita fl-artikolu 2 tal-Att u tfisser li “*ġġiegħel lill-annimal, b’xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa*”.

Mhux kontestat u f'kull każ jirriżulta anke *ex admissis* illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu iż-żewġt iklieb imsemmija fl-ewwel imputazzjoni, bin-numru tal-microchip 941000025111370 u 941000025111363 rispettivament[5].

Il-Qorti wara li fliet il-provi u x-xhieda, senjatament ix-xhieda ta' Josephine Vassallo u Mario Vassallo, u x-xhieda ta' Elaine Camilleri u PS 2223 Charlene Calleja, hija sodisfatta illi fil-perijodu bejn Awwissu 2020 u l-aħħar ta' Settembru 2020, l-imputat kien sistematikament iħalli l-klieb waħedhom mingħajr ma pprovdilhom eżerċizzju adegwat u kumpannija tal-bniedem. Il-Qorti hi konvinta wkoll illi l-klieb kienu qed ikunu maqfulin fl-appartament jew fil-gallarija għal ħinijiet twal u dan minħabba l-fatt illi x-xiehda kollha li xehdu li daħlu fl-appartament f'dan il-perijodu, dejjem xammew riħa ta' awrina u ħmieġ tal-klieb fl-appartament. Riħa persistenti ta' awrina u ħmieġ tal-annimali ġewwa residenza ma jistax ifisser ħlief li dan il-ħmieġ ikun akkumula u ma jkunx tnaddaf regolarment u minn dan il-Qorti tislet l-inferenza li l-klieb minflok ma kienu jinħarġu barra fl-apert biex jagħmlu eżerċizzju kif ukoll il-bżonnijiet tagħhom, kienu jitħallew ġewwa l-appartament. Għall-Qorti, ambjent bħal dan fejn jirrenja nuqqas sistematiku ta' ndafa, spazju miftuħ u possibbilita' ta' eżerċizzju, mhux biss huwa kapaċi iżda joħloq inferenza qawwija ta' dwejjaq fl-annimal kif ukoll deterjorazzjoni kull ma jmur tas-saħħa in ġenerali u għalhekk, indubbjament, m'huwiex wieħed xieraq għat-trobbija ta' kelb.

Dan l-istess xejra ta' ambjent ġie kostatat ukoll fl-appartament fejn in segwitu mar jirrisjedi l-imputat, ġewwa Bugibba Hotel, bid-differenza li issa l-kondizzjonijiet tal-għajxien taż-żewġt iklieb iddeġeneraw sostanzjalment. Dan qed jingħad għaliex il-klieb instabu fil-vaska tal-banju, magħluqin fil-kamra tal-banju li kien mimli ħmieġ tal-klieb u awrina fl-art, bil-klieb jixorbu l-ilma tat-toilet. Huwa minnu li l-klieb instabu biss f'okkażjoni waħda f'kamra bħal din, iżda mix-xhieda u mir-ritratti li ġew esebiti fl-atti proċesswali tal-istat li fih instabu l-klieb u mix-xhieda tal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali, huwa evidenti illi dan l-istat ta' fatt ma kienx wieħed istantanju jew ta' darba, anke għaliex għall-Qorti, il-barmil mimli bl-ilma maħmuġ

[5] Ara stqarrija tal-imputat.

jinten hija inferenza ċara li mhux l-ewwel darba li kellu jitnaddaf il-ħmieġ tal-klieb minn ġol-kamra tal-banju. Dan iwassal lill-Qorti biex tqis b'ċertu skettiċiżmu l-istqarrija tal-imputat li kien joħroġ il-klieb kuljum u li kien iżommhom miegħu, għaliex fil-ħin tal-ispezzjoni l-imputat kien qiegħed id-dar u l-klieb evidentement ma kienux miegħu iżda kienu msakkrin fi spazju ferm żgħir mingħajr kumpannija, mingħajr dawl jew ikel u mimlija ħmieġ tagħhom stess.

Magħdud dan il-fatt illi l-ispezzjonijiet li kienu saru preċedentement u x-xhieda taż-żewġ ġirien diġa' wrew li l-klieb ma kienux qegħdin jinżammu f'ambjent li hu xieraq u l-kostatazzjonijiet li saru waqt l-ispezzjoni tal-5 ta' Diċembru 2020, jikkonsoldidaw bis-sħiħ il-konklużjoni illi l-klieb kellhom jgħixu sistematikament f'ambjent ta' daqs ferm ristrett kif ukoll perikoluż[6], imdawrin bil-ħmieġ tagħhom stess u dan minħabba n-nuqqas persistenti tal-imputat milli jħares bl-aħjar mod il-benessere tagħhom u jipprovdi ambjent xieraq għall-għajxien tagħhom.

L-inferenza li tinġibed leġittimament minn dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatt hija li bħala konsegwenza inevitabbli tal-għajxien f'ambjent bħal dan, iż-żewġt iklieb batew ċertu element ta' dwejjaq iżda wara li evalwat il-provi u x-xhieda kollha u ħadet qies tal-verżjoni tal-imputat fl-istqarrija, m'hijiex konvinta illi ġie ppruvat sodisfaċjentement illi l-klieb attwalment batew l-uġigħ, tbatija jew dwejjaq fil-grad li hu meħtieġ għall-prova tal-ħtija għal moħqrija taħt is-subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-Kap. 439, ċioe' uġiegħ jew tbatija li tilħaq l-estremi ta' xorta, qawwa, jew għan kif imfisser fl-artikolu 2 tal-istess Att biex jikkostitwixxu l-moħqrija.

Madanakollu, huwa fatt illi gallarija jew kamra tal-banju bl-ebda qies tal-immaġinazzjoni ma jistgħu jitqiesu li jikkostitwixxu akkomodazzjoni xierqa għal annimal, fejn annimal jista' jesprimi l-imġieba normali tiegħu. Mhux talli hekk, talli ambjenti bħal dawn, partikolarment meta dawn ikunu mimlijin ħmieġ tal-annimal innifsu u meta l-annimal jitħalla fihom waħdu għal ħinijiet twal jew fuq bażi regolari, ma jiżgurawx il-benesseri tal-annimal u iktar minn hekk, ma jagħmlu xejn biex

[6] Ir-ritratti juru l-klieb jaqbżu barra mill-vaska tal-banju.

jipproteġu lill-annimal mill-possibilita' ta' korriment jew detriment għas-saħħa tiegħu. Minn dan kollu huwa għalhekk ippruvat li l-imputat naqas milli jieħu passi raġjonevoli biex f'kull ċirkostanza jiżgura li l-ħtiġiet ta' annimali li huwa responsabbli għalihom, jintlaħqu, hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali kif maħsub fis-subartikolu (4) tal-artikolu 8 tal-Kap. 439[7].

Iżda l-imputat ma ġiex mixli bil-ksur tas-subartikolu (4) tal-artikolu 8 iżda biss bil-ksur taħt is-subartikolu (2) – kemm hu hekk, il-kliem tal-imsemmi subartikolu (4) ma humiex riprodotti jew riflessi bl-ebda mod fl-ewwel imputazzjoni li, kif imfassla, tirreferi biss għall-kliem tas-subartikolu (2) tal-artikolu 8 li jipprojibixxi l-aġir deskritt fl-ewwel imputazzjoni, ċioe' li l-imputat ġiegħel żewġt iklieb bin-numru taċ-ċippa 941000025111370 u 941000025111363 isofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn – iżda mhux li naqas milli jieħu l-passi raġjonevoli imfissra fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(4) tal-Kap. 439. Il-fatt li l-ewwel imputazzjoni tagħmel referenza għal "*Artikoli 8(2)(3)(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta*" huwa assodat fil-ġurisprudenza in materja illi l-indikazzjoni fiċ-ċitazzjoni tal-artikoli tal-liġi ma hijiex biżżejjed waħedha biex tfisser adegwatament ir-reat li dwaru l-imputat ikun qed jiġi mixli.

L-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 jiddisponi li ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, **il-fatti tal-akkuża**, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.

Għall-Qorti dan ifisser illi jeħtieġ dejjem li r-reati li l-imputat jiġi mixli bihom ikunu faċilment identifikati minn qari sempliċi taċ-ċitazzjoni bl-imputazzjonijiet ikunu mfassla b'riproduzzjoni tal-kliem tad-dispożizzjoni tal-liġi li toħloq ir-reat jew tiddefinixxi l-ksur li jikkostitwixxi r-reat addebitat, u jekk dan ikun fil-forma aggravat

---

[7] (4) *Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta'annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dietasana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimalioħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.*

tiegħu, tal-kliem li jidentifikaw il-fatti aggravanti. Dan hu essenzjali sabiex l-imputat jista' iħejji d-difiża tiegħu, u l-Qorti tista' tiġġudikah biss abbażi ta' reati u fatti li joħorġu mill-*avviso da comparire* u xejn aktar. Kwalunkwe konsiderazzjoni oltre r-reati indikati kif prospettati fic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva, tkun manifestament *ultra vires*.

Illi fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v. David Norbert Schembri** tat-18 ta' Frar 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet riferenza għa-sentenza **Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud**[8], fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni.

"*... Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess. Konferma ta' dan temergi mill-prassi kostanti segwita kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Avukat Generali li jinkludu dan l-aggravanti [ta' pussess aggravat] expressis verbis fl-akkuza jew citazzjoni quddiem il-Qrati tal-Magistrati kif ukoll fl-atti ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Biex tista' tinstab htija ta' l-aggravanti hemm bzonn li dan ikun jifforma parti integrali mill-akkuza.*"

Għalkemm il-każ appena ċitat kien jittratta dwar ħtija għal aggravanti u mhux reat ad hoc, l-istess konsiderazzjonijiet isibu riskontru jekk mhux b'iktar rigorożita', f'każ ta' sejbien ta' ħtija għal reat konsistenti fi ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi li l-kliem tagħha ma jifformax parti mill-fatti tal-akkużi addebitati fiċ-ċitazzjoni li, kif rajna "*għandha ssemmi ċar ... il-fatti tal-akkuża ...*"[9]

---

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-29 ta' Marzu 2007.
[9] Art. 360(2) tal-Kap. 9.

Hu wkoll manifest fil-fehma tal-Qorti li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(4) tal-Kap. 439 joħolqu ksur *ad hoc* tal-Att, fejn il-persuna li żżomm jew li taċċetta li tieħu ħsieb annimal, tonqos milli tieħu l-passi raġjonevoli f'kull ċirkostanza – kif imfisser espressament fl-istess dispożizzjoni legali - biex tiżgura li l-ħtiġiet tal-annimal jintlaħqu. Nuqqas li mhux neċessarjament jammonta għal "moħqrija" kif definita fl-artikolu 2 tal-Att u li tikkostitwixxi ksur *ad hoc* tal-Att kif maħsub fis-subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-Kap. 439.

Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti ma ssibx, fil-provi proċesswali, ħtija għall-ewwel imputazzjoni taħt l-artikolu 8(2) tal-Kap. 439, m'hijiex ser issib ħtija taħt l-artikolu 8(4) tal-Kap. 439 għaliex il-ksur maħsub espressament taħt is-subartikolu (4) ma ġiex imsemmi espressament fiċ-ċitazzjoni fost l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat odjern.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tieni imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli wkoll li fil-5 ta' Diċembru 2020 f'nofsinhar u fil-ħinijiet ta' wara, naqas milli jikko-opera mal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali matul l-ispezzjoni tal-5 ta' Diċembru 2020 meta minkejja l-ordnijiet li ngħata mill-istess uffiċjali biex jirrilaxxa l-klieb għall-fini tal-konfiska tagħhom taħt l-artikolu 44B(1)(b)(i) tal-Kap. 439, l-imputat naqas milli jagħtihom wieħed mill-klieb u minflok ma jdaħħal il-kelba fil-vann tal-uffiċjali, baqa' ħiereġ mill-lukanda bil-kelba fuq ċinga fid-direzzjoni opposta tal-vann.

L-artikolu 44B(6) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi:-

"*(6) Jekk xi ħadd iżomm, jostakola, jattakka jew xort'oħra jfixkel, jew jipprova jżomm, jostakola, jattakka jew ifixkel lid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji, id-Direttur għall-ħarsien Xieraq tal-Annimali, kull uffiċjal għall-ħarsien xieraq tal-annimali jew kull persuna oħra maħtura mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jew mid-Direttur għall-ħarsien Xieraq tal-Annimali, jew kull uffiċjal tal-Forza tal-Pulizija ta' Malta ...*

*fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, jew jonqos milli jagħmel dak li raġonevolment jiġi mitlub li jagħmel minn dik il-persuna kif imsemmi qabel jew li jonqos li jgħinhom fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom, jew li xjentement jagħti lil dik il-persuna informazzjoni falza jew jonqos jew jirrifjuta li jagħti xi informazzjoni meħtieġa għall-għanijiet hawn fuq imsemmija, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att.*"

Huwa ppruvat mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li rrikorrew fuq il-post fil-5 ta' Diċembru 2020, illi intalab l-għajnuna tagħhom u waslu fuq il-post, għall-ħabta ta' nofsinhar għaliex l-imputat ma kienx qed jikko-opera mal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali u kellhom jintervjenu biex jieħdu l-klieb mill-pussess tiegħu. Għalkemm l-imputat jiċħad li telaq bil-kelba minflok daħħalha fil-vann u, waqt l-interrogazzjoni tiegħu, huwa insista li kien mar bil-kelba ħdejn il-vann, il-Qorti ma tqisx li tista' tinjora x-xhieda ta' Elaine Camilleri, Spettur Keith Scerri, PC 187 Luke Cilia u PS 1462 Joseph Attard li lkoll ikkonfermaw bil-ġurament li l-imputat ipprova jaħrab bil-kelba minflok iniżżilha fil-vann kif ġie ordnat jagħmel. PS 1462 Joseph Attard fisser ukoll espressament fix-xhieda tiegħu kif l-uffiċjali tal-Pulizija kellhom jintervjenew u jużaw forza minima biex jieħdu l-kelba mill-pussess tal-imputat u dan wara li huwa kien diġa' għamel ħafna ħin jirrifjuta, b'ħafna għajjat, li jikkoopera mal-uffiċjali għaliex ma riedx assolutament jagħtihom il-kelba.

Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jikkostitwixxi mhux biss nuqqas manifest ta' ko-operazzjoni iżda wkoll tfixkil da parti tal-imputat fil-qadi tad-dmirijiet tal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali li kienu qegħdin jeżegwixxu ordni biex jikkonfiskaw il-klieb tal-imputat hekk kif mogħtija mill-Veterinarju Uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali, Dr. Luke Vella Versin,.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ġie mixli wkoll li kkommetta reat kriminali waqt il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation. Kopja awtentikata tas-sentenza li bis-saħħa tagħha Damian

Attard bil-karta tal-identita' 204299M u bl-istess konnotati tal-imputat odjern, tqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal tliet snin fit-3 ta' Diċembru 2018 minn din il-Qorti diversament preseduta ġiet esebita bil-ġurament tal-Assistent Reġistratur tal-Qorti (Dok. SCT2). L-imputat ġie kkundannat ukoll, bis-saħħa ta' din l-istess sentenza għal ħames xhur priġunerija, u ġie affermat mix-xhieda tal-Assistent Reġsitratur tal-Qorti li ma kienx ġie interpost appell minn din is-sentenza.

Minn eżami taż-żewġ sentenzi l-oħra li kopja awtentikata tagħhom ġiet esebita fl-atti proċesswali, jirriżulta li Damien Attard bl-istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern, ċioe' 204299M, instab ħati minn din il-Qorti diversament preseduta, fil-15 ta' Frar 2017 (Dok. SCT3) u fis-7 ta' Frar 2018 (Dok. SCT1) iżda ngħata fil-konfront tiegħu fiż-żewġ okkażjonijiet ordni għal liberazzjoni kondizzjonata taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446, minflok piena. Għall-Qorti dan ifisser li l-imputat ma ġiex ikkundannat permezz ta' dawn iż-żewġ sentenzi għaliex ġie applikat fil-konfront tiegħu id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446, minflok ingħata piena, huwa ġie liberat kondizzjonalment. Għalhekk, dawn is-sentenzi ma jiswewx bħala prova li l-imputat huwa reċidiv la taħt l-artikoli 49 wisq inqas taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9, għaliex ma kkundannawhx għal reat.

Iżda in kwantu għas-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2018 fejn l-imputat ġie kkundannat għal ħames xhur priġunerija, il-Qorti hi sodisfatta li din tiswa bħala prova tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 kif ukoll taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9 għaliex ma ġiex interpost appell mis-sentenza u konsegwentement din għandha titqies li ġiet skontata. Speċifikatament, billi ma għaddewx ħames snin mid-data li din il-piena ġiet skontata sakemm l-imputat ikkommetta r-reati addebitati lilu fiċ-ċitazzjoni bejn il-11 ta' Awwissu u l-5 ta' Diċembru 2020, huwa ppruvat illi huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Huwa ppruvat ukoll illi matul il-perijodu ta' probation impost bis-saħħa tas-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2018 li poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' probation għal tliet snin, l-istess imputat ikkommetta reat kriminal taħt il-Kap. 439, li jfisser illi jsibu riskontru

d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kap. 446. Konsegwentement, il-Qorti ma għandhiex għażla ħlief li tittratta miegħu għar-reati li dwarhom tqiegħed taħt Ordni ta' Probation, ċioe' li kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta cannbis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jikkonsegwi wkoll li l-Qorti ma tistax, fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat li dwaru sejra tittratta mal-imputat, tqiegħdu taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata jew xort'oħra taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

Ikkunsidrat;

Illi in linea ta' ħtija l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali diġa' xi ftit jew wisq oneruża tal-imputat li għad kellu biss 21 sena meta kkommetta r-reati li dwarhom qed jinstab ħati llum. Qieset ukoll il-fatt illi dawn ir-reati ġew kommessi waqt il-perijodu ta' probation u l-Qorti sejra tittratta miegħu dwar ir-reati li dwarhom kien tqiegħed taħt probation.

Iżda mill-banda l-oħra, temmen ukoll illi l-azzjonijiet tal-imputat li jikkostitwixxu ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439), għalkemm kienu xprunati bla dubju minn nuqqas ta' responsabbilita' u nuqqas ta' sensittivita' għall-benessere u interessi tal-annimali li aċċetta li jżomm u jieħu ħsiebhom, huma dovuti wkoll għall-immaturita' da parti tal-imputat li kif rajna kellu biss, fiż-żmien li kellu fil-pussess tiegħu dawn il-klieb, wieħed u għoxrin sena. Il-Qorti temmen illi l-imputat ma apprezzax l-impenn ta' responsabbilita' li ġġib magħha ż-żamma ta' annimal u mhux il-kaz li l-imputat ma kienx iħobb il-klieb tiegħu u ried jaħqarhom. Fil-fatt il-Qorti ma ssibx li fit-trattament tal-klieb f'dan il-każ, huwa riskontrabbli każ ta' moħqrija tal-annimali u għal din ir-raġuni m'hijiex sejra timponi l-projibizzjoni maħsuba fl-ewwel proviso tal-artiklu 45(1) tal-Kap. 439 u fir-regolament 5(9) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 tal-Liġijiet ta' Malta b'zieda mal-piena. Hawnhekk il-Qorti tfakkar kif l-imputat ma riedx jagħti l-klieb tiegħu lill-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali għaliex kienu għal qalbu u għalkemm dan l-aġir fl-aħħar mill-aħħar laħaq il-qofol ta' nuqqas ta' ko-operazzjoni u kwindi, tfixkil tal-qadi

tad-dmirijiet tal-istess uffiċjali meta huwa pprova jitlaq mill-post b'wieħed mill-klieb, il-Qorti fehmet illi dan il-komportament kien xprunat minn sentimenti ġewnini li l-imputat kellu għal dawn iż-żewġt iklieb tiegħu, biss, l-imputat ma weriex impenn u maturita' biżżejjed fit-trobbija u l-ħarsien tal-istess klieb.

Fil-kwadru ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat għandu minflok piena, jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation sabiex jingħata gwida u għajnuna biex jikkoltiva għarfien dwar ir-responsabbilitajiet tiegħu fosthom dawk assoċjati mat-trobbija tal-annimali u biex ikollu sorveljanza konsistenti minn persuni professjonali fil-ħidma soċjali. Din is-sorveljanza hi meħtieġa fil-każ tal-imputat biex jingħata l-għajnuna u assistenza li evidentement jeħtieġ biex jorganizza ħajtu u jissorvola problemi soċjali li jista' jkollu, fosthom il-problema tal-abbuż tad-droga cannabis - skont kif jirriżulta mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Diċembru 2018 - u biex b'hekk jista' jimmatura b'mod ikkontrollat u jżomm ukoll 'il bogħod mill-kriminalita'.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat fl-ewwel imputazzjoni taħt l-Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda wara li rat l-artikoli 44B(6) u 45(1)(a) tal-istess Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil DAMIEN ATTARD ħati tat-tieni imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħdu taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' tliet (3) snin, u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta'**

**Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' Probation.**

**Issib lil DAMIEN ATTARD ħati wkoll li kkometta r-reat appena msemmi, waqt il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation maħruġ bis-saħħa tas-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2018 (Dok. SCT2) u b'hekk, għall-fini u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li rat ukoll l-artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qiegħda tittratta mal-ħati billi tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000) li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati bir-rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ sħiħ isir dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**